32005R0430

L 71/36 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 17.3.2005

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 430/2005

## tal-15 ta' Marzu 2005

## li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun tal-forza tax-xogħol fil-Komunità li jirrigwarda l-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trasmissjoni tad-*data* mill-2006 'l quddiem u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir tad-*data* dwar il-varjabbli strutturali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarrig kampjun tal-forza tax-xogħol fil-Komunità, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2257/2003, u b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4(3) ([1]) u 4(4) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità ma' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 577/98 jinħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni sabiex tiġi definita l-kodifikazzjoni tal-varjabbli li għandha tintuża għat-trasmissjoni tad-*data*.

(2) Skond l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 577/98 lista ta' varjabbli, minn issa 'l quddiem imsejjħa varjabbli strutturali, tista' tkun identifikata minn fost il-karatteristiċi ta' l-istħarriġ li jeħtieġ li jkunu mkejla biss bħala medji annwali b'referenza għal 52 ġimgħa milli bħala medji ta' kull tliet xhur. Għalhekk il-kondizzjonijiet għall-użu ta' subkampjun għall-ġbir tad-*data* dwar il-varjabbli strutturali għandhom jiġu stipulati.

(3) Minħabba l-importanza tad-*data* dwar l-impjieg u l-qgħad, it-totali għal dawn l-indikaturi għandhom ikunu konsistenti kemm jekk jinkisbu mis-subkampjun annwali kif ukoll fuq il-bażi ta' medja annwali ta' l-erba' kampjuni sħaħ ta' kull tliet xhur.

(4) Minħabba l-importanza tad-*data* miġbura f'moduli ad hoc, din l-informazzjoni għandha tkun kombinabbli ma' kull varjabbli oħra mill-istħarriġ.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statusistiku mwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([2]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kondizzjonijiet għall-użu ta' subkampjun għall-ġbir tad-*data* dwar il-varjabbli strutturali huma stipulati fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Il-kowds għall-varjabbli li għandhom jintużaw għat-trasmissjoni tad-*data* mill-2006 'l quddiem huma stipulati fl-Anness II.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-15 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquin ALMUNIA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3. Regolament kif emendat l-oħħar (KE) Nru 2257/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 336, 23.12.2003, p. 6).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 1989 li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi Statistiċi tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.)

*ANNESS I*

## KONDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU TA' SUBKAMPJUN GĦALL-ĠBIR TAD-DATA DWAR VARJABBLI STRUTTURALI

1. **Varjabbli annwali/ta' kull tliet xhur**

Il-kelma "annwali" fil-kolonna "Perjodiċità" tal-Kodifikazzjoni stipulata fl-Anness II, tidentifika varjabbli strutturali li b'mod fakultattiv għandhom jiġu mkejla biss bħala medji annwali, bl-użu ta' subkampjun ta' osservazzjonijiet indipendenti b'referenza għal 52 ġimgħa, milli bħala medji ta' kull tliet xhur. Il-varjabbli ċentrali li għandhom jiġu mkejla kull tliet xhur huma identifikati bħala "ta' kull tliet xhur"

2. **Rappreżentattività tar-riżultati**

Għall-varjabbli strutturali, l-iżball standard relattiv (mingħajr ma jitqies l-effett tad-diżinn) ta' kull stima annwali li tirrappreżenta 1 % jew aktar tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol m'għandux ikun aktar minn:

(a) 9 % għall-pajjiżi b'popolazzjoni ta' bejn 1 miljun u 20 miljun abitant u

(b) 5 % għall-pajjiżi b'popolazzjoni ta' 20 miljun jew aktar.

Pajjiżi b'anqas minn 1 miljun abitant huma eżenti minn dawn il-ħtiġijiet ta' preċiżjoni u l-varjabbli strutturali għandhom jinġabru għall-kampjun totali ħlief jekk il-kampjun jissodisfa l-ħtiġijiet imsemmija f'(a).

Għall-pajjiżi li jużaw subkampjun għall-ġbir tad-*data* dwar varjabbli strutturali, f'każ li tintuża aktar minn varjazzjoni waħda, is-subkampjun totali użat għandu jikkonsisti f'osservazzjonijiet indipendenti.

3. **Konsistenza tat-totali**

Għandha tiġi żgurata l-konsistenza bejn it-totali annwali tas-subkampjuni u l-medji annwali sħaħ tal-kampjuni għall-impjieg, għall-qgħad u għall-popolazzjoni mhux attiva skond is-sess u għall-gruppi ta' l-etajiet li ġejjin: 15-24, 25-34, 35-44, 45-54, 55+.

4. **Moduli ad hoc**

Il-kampjun użat biex tinġabar l-informazzjoni fuq moduli ad hoc għandu wkoll jipprovdi informazzjoni fuq il-varjabbli strutturali.

*ANNESS II*

**KODIFIKAZZJONI**

| Isem | Kolonna | Perijodiċità | Kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | SFOND DEMOGRAFIKU | |
| HHSEQNUM | 1/2 | KULL TLIET XHUR | | *Numru ta' sekwenza fid-dar(għandu jibqa' l-istess għall-mewġiet kollha)* | kulhadd |
| | | | 01-98 | Numru ta' sekwenza b'żewġ ċifri assenjat lil kull membru tad-dar | |
| HHLINK | 3 | KULL SENA | | *Parentela mal-persuna ta' referenza fid-dar* | HHTYPE = 1,3 |
| | | | 1 | Persuna ta' referenza | |
| | | | 2 | Konjuġi (jew koabitanti) tal-persuna ta' referenza | |
| | | | 3 | Wild il-persuna ta' referenza (jew tal-konjuġi tiegħu/tagħha jew tal-koabitanti) | |
| | | | 4 | Antenat tal-persuna ta' referenza (jew tal-konjuġi tiegħu/tagħha jew tal-koabitanti) | |
| | | | 5 | Qarib ieħor | |
| | | | 6 | Oħrajn | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (HHTYPE ≠ 1,2) | |
| HHSPOU | 4/5 | KULL SENA | | *Numru ta' sekwenza tal-konjuġi jew tal-jkoabitanti* | HHTYPE = 1, 3 |
| | | | 01-98 | Numru ta' sekwenza tal-konjuġi jew tal-koabitanti fid-dar | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (persuna li mhix parti minn dar privata, jew li ma għandhiex sieħeb/sieħba, jew is-sieħeb/sieħba mhux parti minn din id-dar privata) | |
| HHFATH | 6/7 | KULL SENA | | *Numru ta' sekwenza tal-missier* | HHTYPE = 1,3 |
| | | | 01-98 | Numru ta' sekwenza tal-missier fid-dar | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (persuna li mhix parti minn dar privata, jew il-missier mhux parti minn din id-dar privata) | |
| HHMOTH | 8/9 | KULL SENA | | *Numru ta' sekwenza ta' l-omm* | HHTYPE = 1,3 |
| | | | 01-98 | Numru ta' sekwenza ta' l-omm fid-dar | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (persuna li mhix parti minn dar privata, jew l-omm mhix parti minn din id-dar privata) | |
| SEX | 10 | KULL TLIET XHUR | | *Sess* | kulhadd |
| | | | 1 | Raġel | |
| | | | 2 | Mara | |
| YEARBIR | 11/14 | KULL TLIET XHUR | | *Sena ta' twelid* | kulhadd |
| | | | | L-4 ċifri tas-sena' ta' twelid jitniżżlu | |
| DATEBIR | 15 | KULL TLIET XHUR | | *Data ta' twelid kif torbot ma' tmiem il-perijodu ta' referenza* | kulhadd |
| | | | 1 | Jum it-twelid tal-persuna jaħbat bejn l-1 ta' Jannar u tmiem il-ġimgħa ta' referenza | |
| | | | 2 | Jum it-twelid tal-persuna jaħbat wara tmiem il-ġimgħa ta' referenza | |

| Isem | Kolonna | Perijodiċità | Kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|
| MARSTATUS | 16 | KULL SENA | | *Status ċivili* | kulħadd |
| | | | 1 | Ġuvni/Xebba | |
| | | | 2 | Miżżewweġ/ġa | |
| | | | 3 | Armel/la | |
| | | | 4 | Divorzjat/a jew separat/a legalment | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| NATIONAL | 17/18 | KULL TLIET XHUR | | *Nazzjonalità* | kulħadd |
| | | | | Għall-kodifikazzjoni, ara l-klassifika ISO tal-pajjiżi | |
| YEARESID | 19/20 | KULL SENA | | *Numru ta' snin ta' residenza f'dan il-Pajjiż* | kulħadd |
| | | | 00 | Imwieled/Imwielda f'dan il-Pajjiż | |
| | | | 01-10 | Numru ta' snin għal persuna li ilha f'dan il-Pajjiż minn 1 sa 10 snin. | |
| | | | 11 | F'dan il-Pajjiż għal aktar minn 10 snin | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| COUNTRYB | 21/22 | KULL TLIET XHUR | | *Pajjiż ta' twelid* | YEARESID ≠ 00 |
| | | | | Għall-kodifikazzjoni, ara l-klassifika ISO tal-pajjiżi | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (kol.19/20 = 00) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| PROXY | 23 | KULL TLIET XHUR | | *Tip ta' parteċipazzjoni fl-istħarriġ* | kull min għandu 15-il sena jew aktar |
| | | | 1 | Parteċipazzjoni diretta | |
| | | | 2 | Parteċipazzjoni permezz ta' membru ieħor fid-dar | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (wild taħt il-15-ilsena) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| | | | | STATUS TAX-XOGĦOL | |
| WSTATUSOR | 24 | KULL TLIET XHUR | | *Status tax-xogħol matul il-ġimgħa ta' referenza* | kull min għandu 15-il sena jew aktar |
| | | | 1 | Għamel xi xogħol bi ħlas jew għal profitt matul il-ġimgħa ta' referenza – siegħa jew aktar (inklużi ħaddiema ma' familji iżda esklużi dawk li jinqabdu bil-lieva jew fuq servizz obbligatorju fil-komunità) | |
| | | | 2 | Hu/hi ma kienx/kinitx qed j(t)aħdem iżda kellu/ha xogħol jew negozju u ma kienx/kinitx preżenti matul il-ġimgħa ta' referenza (inklużi ħaddiema ma' familji iżda esklużi dawk li jinqabdu bil-lieva jew fuq servizz obbligatorju fil-komunità) | |
| | | | 3 | Ma kienx qed jaħdem minħabba sensja | |
| | | | 4 | Kien maqbud bil-lieva jew fuq servizz obbligatorju fil-komunità | |
| | | | 5 | Oħrajn (15-ilsena jew aktar) li la ħadmu lanqas kellhom xogħol jew negożju matul il-ġimgħa ta' referenza | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli wild taħt il-15-ilsena) | |

| Isem | Kolonna | Perijodiċità | Kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|
| NOWKREAS | 25/26 | KULL TLIET XHUR | | *Raġuni għaliex ma ħadmu xejn affattu minkejja li kellhom xogħol* | WSTATOR = 2 |
| | | | 00 | Maltemp | |
| | | | 01 | Xogħol ħażin minħabba raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi | |
| | | | 02 | Tilwim industrijali | |
| | | | 03 | Edukazzjoni skolastika jew taħriġ | |
| | | | 04 | Mard, korriment jew diżabbiltà temporanja | |
| | | | 05 | *Leave* ta' maternità | |
| | | | 06 | *Leave* ta' paternità | |
| | | | 07 | Btala | |
| | | | 08 | Leave b'kumpens (fl-ambitu ta' tiġmigħ ta' sigħat ta' xogħol ma' bank jew kuntratt ta' numru ta' sigħat f'sena) | |
| | | | 09 | Raġunijiet oħra (e.g. responsabbiltajiet personali jew tal-familja) | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 1,3-5,9) | |
| | | | | KARATTERISTIKI TA' IMPJIEG TAX-XOGĦOL PRINĊIPALI | |
| STAPRO | 27 | KULL TLIET XHUR | | *Status professjonali* | WSTATOR = 1, 2 |
| | | | 1 | Jaħdem għal rasu bl-impjegati | |
| | | | 2 | Jaħdem għal rasu mingħajr impjegati | |
| | | | 3 | Impjegat | |
| | | | 4 | Impjegat ma' familja | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| SIGNISAL | 28 | KULL TLIET XHUR | | *Il-paga jew is-salarju jibqgħu jingħataw* | (WSTATOR = 2 jew 3) u NOWKREAS ≠ 04 u NOWKREAS ≠ 05 u STAPRO = 3 |
| | | | 1 | Assenti sa 3 xhur, inklużi | |
| | | | 2 | Assenti għal aktar minn 3 xhur u jirċievi paga, salarju jew sussidji soċjali li jikkorrispondu għal nofs is-salarju jew aktar. | |
| | | | 3 | Assenti għal aktar minn 3 xhur u jirċievi paga, salarju jew sussidji soċjali li jikkorrispondu għal anqas minn nofs is-salarju. | |
| | | | 4 | Ma nafx | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (WSTATOR ≠ 2, 3 jew NOWKREAS = 04 u NOWKREAS = 05 jew STAPRO ≠ 3) | |
| NACE3D | 29/31 | KULL TLIET XHUR | | *Attività ekonomika ta' l-unità lokali* | WSTATOR = 1, 2 |
| | | | | NACE Rev. 1.1 ikkodifikat f'livell ta' 2 ċifri jew fejn possibbli 3 | |
| | | | 000 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5, 9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |

| Isem | Kolonna | Perijodiċità | Kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|
| ISCO4D | 32/35 | KULL TLIET XHUR | | *Xogħol* | WSTATOR = 1, 2 |
| | | | | ISCO-88 (KUMM) ikkodifikat f'livell ta' 3 ċifri jew fejn possibbli 4 | |
| | | | 9999 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| SUPVISOR | 36 | KULL SENA | | *Responsabbiltajiet ta' sorveljanza* | STAPRO = 3 |
| | | | 1 | Iva | |
| | | | 2 | Le | |
| | | | 9 | STAPRO ≠ 3 | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| SIZEFIRM | 37/38 | KULL SENA | | *Numru ta' persuni jaħdmu fl-unità lokali* | STAPRO = 1,3,4, vojt |
| | | | 01-10 | Numru eżatt ta' persuni, jekk huma bejn 1 u 10 | |
| | | | 11 | minn 11 sa 19-il persuna | |
| | | | 12 | minn 20 sa 49 persuna | |
| | | | 13 | 50 persuna jew aktar | |
| | | | 14 | Ma nafx iżda anqas minn 11-il persuna | |
| | | | 15 | Ma nafx iżda aktar minn 10 persuni | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (STAPRO = 2,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| COUNTRYW | 39/40 | KULL TLIET XHUR | | *Pajjiż tal-post tax-xogħol* | WSTATOR = 1, 2 |
| | | | | Għall-kodifikazzjoni, ara l-klassifika ISO tal-pajjiżi | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| REGIONW | 41/42 | KULL TLIET XHUR | | *Reġjun tal-post tax-xogħol* | WSTATOR = 1, 2 |
| | | | | NUTS 2 | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| YSTARTWK | 43/46 | KULL TLIET XHUR | | *Sena li fiha l-persuna bdiet taħdem ma' dan is-sid jew fuq xogħol għal rasha* | WSTATOR = 1,2 |
| | | | | Daħħal l-4 ċifri tas-sena kkonċernata | |
| | | | 9999 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| MSTARTWK | 47/48 | KULL TLIET XHUR | | *Xahar li fih il-persuna bdiet taħdem ma' dan is-sid jew fuq xogħol għal rasha* | YSTARTWK ≠ 9999, vojt & REFYEAR-YSTARTWK <= 2 |
| | | | 01-12 | Daħħal in-numru tax-xahar ikkonċernat | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (YSTARTWK = 9999, vojt jew REFYEAR-YSTARTWK>2) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |

| Isem | Kolonna | Perijodiċità | Kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|
| WAYJFOUN | 49 | KULL SENA | | *Involviment ta' l-uffiċċju pubbliku ta' l-impjieg f'xi mument biex instab ix-xogħol preżenti* | STAPRO = 3 & il-persuna bdiet fuq dan ix-xogħol f'dawn l-aħħar 12-il xahar |
| | | | 0 | Le | |
| | | | 1 | Iva | |
| | | | 9 | STAPRO ≠ 3 jew il-persuna bdiet fuq dan ix-xogħol aktar minn 1 ilu | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| FTPT | 50 | KULL TLIET XHUR | | *Distinzjoni xogħol full-time/part-time* | WSTATOR = 1,2 |
| | | | 1 | Xogħol *full-time* | |
| | | | 2 | Xogħol - *full-time* | |
| | | | 9 | WSTATOR ≠ 1,2 | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| FTPTREAS | 51 | KULL SENA | | *Raġunijiet għal xogħol part-time* | FTPT = 2 |
| | | | | Ix-xogħol part-time qed isir minħabba: | |
| | | | 1 | Il-persuna qed tattendi korsijiet skolastiċi jew ta' taħriġ | |
| | | | 2 | Mard proprju jew diżabbiltà | |
| | | | 3 | Kura tat-tfal jew adulti inkapaċitati | |
| | | | 4 | Raġunijiet oħra personali jew ta' familja | |
| | | | 5 | Il-persuna ma setgħetx issib xogħol *full-time* | |
| | | | 6 | Raġunijiet oħra | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (FTPT ≠ 2) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| TEMP | 52 | KULL TLIET XHUR | | *Permanenza tax -xogħol* | STAPRO = 3 |
| | | | 1 | Il-persuna għandha xogħol permanenti jew kuntratt ta' xogħol għal żmien illimitat | |
| | | | 2 | Il-persuna għandha kuntratt ta' xogħol temporanju għal żmien limitat | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (STAPRO ≠ 3) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| TEMPREAS | 53 | KULL SENA | | *Raġunijiet għaliex il-persuna għandha kuntratt ta' xogħol temporanju għal żmien limitat* | TEMP = 2 |
| | | | | Il-persuna għandha kuntratt ta' xogħol temporanju għal żmien limitat minħabba: | |
| | | | 1 | Il-kuntratt ikopri perijodu ta' taħriġ (apprentisti, nies li qed jitħarrġu, assistenti riċerkaturi, eċċ) | |
| | | | 2 | Il-persuna ma setgħetx issib xogħol permanenti | |
| | | | 3 | Il-persuna ma riditx xogħol permanenti | |
| | | | 4 | Il-kuntratt huwa għal perijodu ta' prova | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (TEMP ≠ 2) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |

| Isem | Kolonna | Perijodiċità | Kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|
| TEMPDUR | 54 | KULL TLIET XHUR | | *Tul ta' żmien tax-xogħol temporanju jew kuntratt tax-xogħol ta' tul ta' żmien limitat* | TEMP = 2 |
| | | | 1 | Anqas minn xahar | |
| | | | 2 | Minn 1 sa 3 xhur | |
| | | | 3 | Minn 4 sa 6 xhur | |
| | | | 4 | Minn 7 sa 12-il xahar | |
| | | | 5 | Minn 13 sa 18-il xahar | |
| | | | 6 | Minn 19 sa 24 xahar | |
| | | | 7 | Minn 25 sa 36 xahar | |
| | | | 8 | Aktar minn 3 snin | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (TEMP ≠ 2) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| TEMPAGCY | 55 | KULL SENA | | *Kuntratt ma' aġenzija ta' xogħol temporanju* | STAPRO = 3 |
| | | | 0 | Le | |
| | | | 1 | Iva | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (STAPRO ≠ 3) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| | | | | XOGĦOL ATIPIKU | |
| SHIFTWK | 56 | KULL SENA | | *Xogħol bix-xift* | STAPRO = 3 |
| | | | 1 | Il-persuna taħdem bix-xift | |
| | | | 3 | Il-persuna qatt ma taħdem bix-xift | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (STAPRO ≠ 3) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| EVENWK | 57 | KULL SENA | | *Xogħol ta' filgħaxija* | WSTATOR = 1 jew WSTATOR = 2 |
| | | | 1 | Il-persuna normalment taħdem filgħaxija | |
| | | | 2 | Il-persuna xi kultant taħdem filgħaxija | |
| | | | 3 | Il-persuna qatt ma taħdem filgħaxija | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| NIGHTWK | 58 | KULL SENA | | *Xogħol ta' billejl* | WSTATOR = 1 jew WSTATOR = 2 |
| | | | 1 | Il-persuna normalment tagħmel xogħol ta' billejl | |
| | | | 2 | Il-persuna xi kultant tagħmel xogħol ta' billejl | |
| | | | 3 | Il-persuna qatt ma tagħmel xogħol ta' billejl | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |

| Isem | Kolonna | Perijodiċità | Kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|
| SATWK | 59 | KULL SENA | | *Xogħol nhar ta' Sibt* | WSTATOR = 1 jew WSTATOR = 2 |
| | | | 1 | Il-persuna normalment taħdem nhar ta' Sibt | |
| | | | 2 | Il-persuna xi kultant taħdem nhar ta' Sibt | |
| | | | 3 | Il-persuna qatt ma taħdem nhar ta' Sibt | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| SUNWK | 60 | KULL SENA | | *Xogħol nhar ta' Ħadd* | WSTATOR = 1 jew WSTATOR = 2 |
| | | | 1 | Il-persuna normalment taħdem nhar ta' Ħadd | |
| | | | 2 | Il-persuna xi kultant taħdem nhar ta' Ħadd | |
| | | | 3 | Il-persuna qatt ma taħdem nhar ta' Ħadd | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| | | | | SIGĦAT MAĦDUMA | |
| HWUSUAL | 61/62 | KULL TLIET XHUR | | *Numru ta' sigħat fil-ġimgħa maħduma normalment bħala parti mix-xogħol prinċipali* | WSTATOR = 1,2 |
| | | | 00 | Is-sigħat normali ma jistgħux jingħataw minħabba li s-sigħat maħduma ivarjaw minn ġimgħa għal ġimgħa jew minn xahar għal xahar | |
| | | | 01-98 | Numru ta' sigħat maħduma normalment bħala parti mix-xogħol prinċipali | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| HWACTUAL | 63/64 | KULL TLIET XHUR | | *Numru ta' sigħat maħduma fil-fatt matul il-ġimgħa ta' referenza bħala parti mix-xogħol prinċipali* | WSTATOR = 1,2 |
| | | | 00 | Persuna li għandha xogħol jew negozju u li ma ħadmet xejn affattu fl-attività prinċipali tagħha matul il-ġimgħa ta' referenza (WSTATOR = 2) | |
| | | | 01-98 | Numru ta' sigħat maħduma fil-fatt bħala parti mix-xogħol prinċipali matul il-ġimgħa ta' referenza | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| HWOVERP | 65/66 | KULL TLIET XHUR | | *Sahra mħallsa matul il-ġimgħa ta' referenza bħala parti mix-xogħol prinċipali* | STAPRO = 3 |
| | | | 00-98 | Numru ta' sigħat ta' sahra mħallsa | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (STAPRO ≠ 3) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| HWOVERPU | 67/68 | KULL TLIET XHUR | | *Sahra mhux imħallsa matul il-ġimgħa ta' referenza bħala parti mix-xogħol prinċipali* | STAPRO = 3 |
| | | | 00-98 | Numru ta' sigħat ta' sahra mħallsa | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (STAPRO ≠ 3) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |

| Isem | Kolonna | Perijodiċità | Kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|
| HOURREAS | 69/70 | KULL TLIET XHUR | | *Raġuni prinċipali li għaliha s-sigħat fil-fatt maħduma matul il-ġimgħa huma differenti mis-sigħat normali tal-persuna* | HWUSUAL = 00-98 & HWACTUAL = 01-98 |
| | | | | Il-persuna ħadmet aktar mis-soltu minħabba: | |
| | | | 01 | — sigħat varjabbli (e.g. sigħat ta' xogħol flessibbli) | |
| | | | 16 | — sahra | |
| | | | 02 | — raġunijiet oħra | |
| | | | | Il-persuna ħadmet anqas mis-soltu minħabba: | |
| | | | 03 | — maltemp | |
| | | | 04 | — xogħol ħażin minħabba raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi | |
| | | | 05 | — tilwim industrijali | |
| | | | 06 | — edukazzjoni jew taħriġ | |
| | | | 07 | — sigħat varjabbli (e.g. sigħat ta' xogħol flessibbli) | |
| | | | 08 | — mard proprju, korriment jew diżabbiltà temporanja | |
| | | | 09 | — leave ta' maternità jew paternità | |
| | | | 10 | — leave speċjali għal raġunijiet personali jew ta' familja | |
| | | | 11 | — btala ta' kull sena | |
| | | | 12 | — Btala tal-banek | |
| | | | 13 | — bidu ta'/bidla fix-xogħol matul il-ġimgħa ta' referenza | |
| | | | 14 | — sensja mingħajr bidu ta' xi xogħol ieħor matul il-ġimgħa ta' referenza | |
| | | | 15 | — raġunijiet oħra | |
| | | | 97 | Il-persuna ħadmet is-sigħat tas-soltu matul il-ġimgħa ta' referenza (HWUSUAL = HWACTUAL = 01-98) | |
| | | | 98 | Il-persuna li s-sigħat tagħha jvarjaw b'mod konsiderevoli minn ġimgħa għal ġimgħa jew xahar għal xahar u li ma tatx raġuni għad-diverġenza bejn is-sigħat attwali u dawk tas-soltu (HWUSUAL = 00 & HOURREAS#01-16) | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 2-5,9 jew HWUSUAL = vojt jew HWACTUAL = vojt) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| WISHMORE | 71 | KULL TLIET XHUR | | *Xewqa li taħdem normalment aktar minn numru attwali ta' sigħat* | (WSTATOR = 1 jew WSTATOR = 2) |
| | | | 0 | Le | |
| | | | 1 | Iva | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5, 9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |

| Isem | Kolonna | Perijodiċità | Kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|
| WAYMORE | 72 | KULL SENA | | *Mod kif il-persuna trid taħdem aktar sigħat* | WISHMORE = 1 |
| | | | 1 | Permezz ta' xogħol addizzjonali | |
| | | | 2 | Permezz ta' xogħol li fih taħdem aktar sigħat milli fix-xogħol preżenti | |
| | | | 3 | Fi ħdan ix-xogħol preżenti biss | |
| | | | 4 | F'xi wieħed mill-modi hawn fuq | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (WISHMORE ≠ 1) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| HWWISH | 73/74 | KULL TLIET XHUR | | *Numru ta' sigħat li l-persuna tixtieq taħdem bħala total* | WSTATOR = 1 jew WSTATOR = 2 |
| | | | 01-98 | Numru ta' sigħat mixtieq li jinħadmu bħala total | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| HOMEWK | 75 | KULL SENA | | *Xogħol mid-dar* | WSTATOR = 1 jew WSTATOR = 2 |
| | | | 1 | Il-persuna normalment taħdem mid-dar | |
| | | | 2 | Il-persuna xi kultant taħdem mid-dar | |
| | | | 3 | Il-persuna qatt ma taħdem mid-dar | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| LOOKOJ | 76 | KULL TLIET XHUR | | *Tfittxija għal xogħol ieħor* | WSTATOR = 1 jew WSTATOR = 2 |
| | | | 0 | Il-persuna mhix tfittex xogħol ieħor | |
| | | | 1 | Il-persuna qed tfittex xogħol ieħor | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| LOOKREAS | 77 | KULL SENA | | *Raġunijiet li għalihom qed tfittex xogħol ieħor* | LOOKOJ = 1 |
| | | | 1 | — ta' riskju jew ċertezza ta' telf jew terminazzjoni tax-xogħol preżenti | |
| | | | 2 | — ix-xogħol attwali meqjus bħala xogħol tranżizzjonali | |
| | | | 3 | — qed tfittex xogħol addizzjonali biex iżżid aktar sigħat ma' dawk maħduma fix-xogħol preżenti | |
| | | | 4 | — qed tfittex xogħol b' aktar sigħat maħduma milli fix-xogħol preżenti | |
| | | | 5 | — qed tfittex xogħol b' anqas sigħat maħduma milli fix-xogħol preżenti | |
| | | | 6 | — ta' xewqa li jkollha kondizzjonijiet ta' xogħol aħjar (e.g. paga, ħin ta' xogħol jew ta' vjaġġar, kwalità ta' xogħol) | |
| | | | 7 | — ta' raġunijiet oħra | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (LOOKOJ ≠ 1) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |

| Isem | Kolonna | Perijodiċità | Kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | IT-TIENI XOGĦOL | |
| EXIST2J | 78 | KULL TLIET XHUR | | *Eżistenza ta' aktar minn xogħol wieħed jew negozju* | WSTATOR = 1 jew WSTATOR = 2 |
| | | | 1 | Il-persuna kellha xogħol jew negozju wieħed biss matul il-ġimgħa ta' referenza | |
| | | | 2 | Il-persuna kellha aktar minn xogħol jew negozju wieħed matul il-ġimgħa ta' referenza (mhux minħabba bidla ta' xogħol jew negozju) | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 3-5,9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| STAPRO2J | 79 | KULL TLIET XHUR | | *Status professjonali (fit-tieni xogħol)* | EXIST2J = 2 |
| | | | 1 | Jaħdem għal rasu u bl-impjegati | |
| | | | 2 | Jaħdem għal rasu mingħajr impjegati | |
| | | | 3 | Impjegat | |
| | | | 4 | Ħaddiem ma' familja | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (EXIST2J = 1,9 blank) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| NACE2J2D | 80/81 | KULL TLIET XHUR | | *Attività ekonomika ta' l-unità lokali (fit-tieni xogħol)* | EXIST2J = 2 |
| | | | | NACE Rev. 1.1 | |
| | | | 00 | Mhux applikabbli (EXIST2J = 1,9, vojt) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| HWACTUA2 | 82/83 | KULL TLIET XHUR | | *Numru ta' sigħat fil-fatt maħduma matul il-ġimgħa ta' referenza fit-tieni xogħol* | EXIST2J = 2 |
| | | | 00 | Il-persuna ma ħadmitx fit-tieni xogħol tagħha matul il-ġimgħa ta' referenza | |
| | | | 01-98 | Numru ta' sigħat fil-fatt maħduma fit-tieni xogħol matul il-ġimgħa ta' referenza | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (EXIST2J = 1,9 vojt) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| | | | | ESPERJENZA TA' XOGĦOL PREĊEDENTI TAL-PERSUNA MHUX F'IMPJIEG | |
| EXISTPR | 84 | KULL TLIET XHUR | | *Eżistenza ta' esperjenza preċedenti ta' impjieg* | WSTATOR = 3-5 |
| | | | 0 | Il-Persuna qatt ma kienet f'impjieg (xogħol purament okkażjonali, bħal xogħol matul il-vaganzi, lieva obbligatorja jew servizz fil-komunità m'għandhomx jitqiesu bħala impjieg) | |
| | | | 1 | Il-Persuna diġà kienet f'impjieg (xogħol purament okkażjonali, bħal xogħol matul il-vaganzi, lieva obbligatorja jew servizz fil-komunità m'għandhomx jitqiesu bħala impjieg) | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (WSTATOR = 1, 2 jew 9) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |

| Isem | Kolonna | Perijodiċità | Kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|
| YEARPR | 85/88 | KULL TLIET XHUR | | *Sena li fiha l-persuna ħadmet l-aħħar* | EXISTPR = 1 |
| | | | | Daħħal l-4 ċifri tas-sena li fiha l-persuna ħadmet l-aħħar | |
| | | | 9999 | Mhux applikabbli (EXISTPR = 0, 9, vojt) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| MONTHPR | 89/90 | KULL TLIET XHUR | | *Xahar li fih il-persuna ħadmet l-aħħar* | YEARPR ≠ 9999, vojt & REFYEAR-YEARPR < = 2 |
| | | | 01-12 | Daħħal in-numru tax-xahar li fih il-persuna ħadmet l-aħħar | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (YEARPR = 9999, vojt jew REFYEAR-YEARPR>2) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| LEAVREAS | 91/92 | KULL SENA | | *Raġuni prinċipali li għaliha l-persuna telqet mill-aħħar xogħol jew negozju* | EXISTPR = 1 u REF-YEAR -YEARPR<8 |
| | | | 00 | Imkeċċija jew xogħolha mhux aktar meħtieġ | |
| | | | 01 | Xogħol għal żmien limitat li wasal fi tmiem | |
| | | | 02 | Kura tat-tfal jew adulti inkapaċitati | |
| | | | 03 | Responsabbiltajiet oħra personali jew tal-familja | |
| | | | 04 | Mard proprju jew diżabbiltà | |
| | | | 05 | Edukazzjoni jew taħriġ | |
| | | | 06 | Irtirar kmieni mix-xogħol | |
| | | | 07 | Irtirar normali mix-xogħol | |
| | | | 08 | Lieva jew xogħol fil-komunità obbligatorju | |
| | | | 09 | Raġunijiet oħrajn | |
| | | | 99 | Mhux applikabbli (EXISTPR = 0,9, vojt, jew EXISTPR = 1 u ma ħadmitx f'dawn l-aħħar 8 snin) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |
| STAPROPR | 93 | KULL TLIET XHUR jekk tkun ħadmet biss f'dawn l-aħħar 12-il xahar KULL SENA inkella | | *Status professjonali fl-aħħar xogħol* | EXISTPR = 1 u REF-YEAR -YEARPR<8 |
| | | | 1 | Jaħdem għal rasu u bl-impjegati | |
| | | | 2 | Jaħdem għal rasu mingħajr impjegati | |
| | | | 3 | Impjegat | |
| | | | 4 | Ħaddiem ma' familja | |
| | | | 9 | Mhux applikabbli (EXISTPR = 0,9, vojt, jew EXISTPR = 1 u ma ħadmitx dawn l-aħħar 8 snin) | |
| | | | vojt | Ebda tweġiba | |

| Isem | Kolonna | Perijodiċità | Kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|
